A.L. 456 ta' l-2010

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2010 dwar l-Użu ta' Radjokomunikazzjoni minn Bastimenti tal-Gwerra u minn Inġenji ta' l-Ajru Militari Barranin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar l-Użu ta' Radjokomunikazzjoni minn Bastimenti tal-Gwerra u minn Inġenji ta' l-Ajru Militari Barranin.

Tifsir.

2. (1) Kull riferenza f'dawn ir-regolamenti għal "l-Att" hi riferenza għall-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u kull regolamenti magħmulin taħtu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' l-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

(2) F'dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra , "l-Awtorita" tfisser l-Awtorita ta'Malta dwar il-Komunikazzjoni.

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni, minn bastimenti tal-gwerra jew inġenji ta' l-ajru barranin li jakkumpanjaw dawk il-bastimenti.

3. (1) Ebda bastiment tal-gwerra barrani jew ingenju ta' l-ajru militari barrani li jkun qiegħed jakkumpanja lil dak il-bastiment m'għandu, waqt li jkun jinsab f'xi port ta' Malta jew f'distanza ta' tnax-il mil nawtiku minn Malta mingħajr ma jikseb permess minn qabel mingħand l-Awtorita, juża l-apparat ta' radjokomunikazzjoni li jkollu.

(2) Fl-applikazzjoni biex jinħareġ dak il-permess għandhom jingħataw dettalji tas-sistema, inklużi l-frekwenzi tar-radju, modi ta' emissjoni, *bandwidths*, ħinijiet ta' trażmissjoni u qawwa tat-trażmissjoni li l-applikant ikun irid juża.

Restrizzjonijiet fuq inġenji ta' l-ajru militari li ma jkunux qegħdin jakkumpanjaw bastimenti tal-gwerra barranin.

4. (1) Ebda inġenju ta' l-ajru militari barrani li ma jkunx qiegħed jakkumpanja bastiment tal-gwerra barrani m'għandu, filwaqt li jkun qiegħed Malta jew f'xi port f'Malta, jew f'distanza ta' tnax-il mil nawtiku minn Malta, mingħajr ma jkollu permess bħal dak stipulat fir-regolament minnufih qabel dan mill-Awtorita, juża l-apparat ta' komunikazzjoni elettroniku jew radjokomunikazzjoni li jkollu.

(2) Fl-applikazzjoni biex jinħareġ dak il-permess għandhom jingħataw id-dettalji msemmija fis-subregolament (2) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

Kundizzjonijiet li taħthom jista' jingħata permess għall-użu ta' apparat.

5. L-Awtorita tista', meta ssirlha applikazzjoni konformement ma' dawn ir-regolamenti, tagħmel kundizzjonijiet għall-għoti ta' dak il-permess li bihom -

(a) tipprovdi kontra kull interferenza ma' stazzjonijiet oħra;

(b) teħtieġ li t-trażmissjoni għandha titwaqqaf minnufih malli ssir talba għaldaqstant mill-Awtorità jew minn xi stazzjon fiss fuq l-art;

(ċ) tipprojbixxi senjalazzjoni fit-tul bl-użu ta' apparat li jkun jittrażmetti xort'oħra milli *waves* kontinwi u puri.